**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 327/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Tony Sammut**

Illum, 29 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Tony Sammut, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 461481M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Ottubru 2016, f'dawn il-Gzejjer –

1. Mingħajr awtorizzazzjoni għamel uzu minn *computer* jew xi tagħmir ieħor biex jidħol f'xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinzammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* ieħor, jew uzajt, ikkopjajt, immodifikajt kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 337Ċ (1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess dati u loki, mingħajr awtorizzazzjoni uza l-kodiċi tad-dħul, *password*, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi perusna oħra f'*computer* jew b'xi mod kiser kwalunkwe mizura ta' sigurta sabiex jakkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 337Ċ(1)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 337Ċ(1)(a) u 337F(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Tony Sammut ħati biss tal-ewwel (1)

akkuza kif dedotta kontrih u kkundannatu għall-piena ta' ħamest elef ewro multa (€5,000), filwaqt li lliberatu mit-tieni (2) akkuza dedotta kontrih fuq nuqqas ta' provi. *Inoltre'* u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat ġie kkundannat għall-ħlas tal-ispejjez peritali ammontanti għal erbgħa mija u tlettax il-ewro (€413).

Rat ir-rikors tal-appellant, Tony Sammut, ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2021, fejn talab lil din l-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-8 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet premessi fejn l-appellant ma nstabx ħati tat-tieni akkuża, tirrevoka u tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant instab ħati tal-ewwel (1) akkuza u fejn ġie kkundannat għall-ħlas ta' multa ta' ħamest elef ewro (€5,000) kif ukoll l-ispejjeż peritali u tilliberah mill-ewwel (1) akkuza kif dedotta bl-ispejjeż u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha kif jidhrilha xieraq u opportun.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant Tony Sammut ħassu aggravat bid-deċizjoni impunjata billi deherlu li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni u apprezzament żbaljat tal-provi li kellha quddiemha a rigward l-ewwel akkuza dedotta fil-konfront tiegħu u li tagħha huwa ġie misjub ħati. Dan għaliex, fil-fehma tiegħu, mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, ma jirriżultax li l-istess appellant kiser id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 337Ċ(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jisħaq li mix-xhieda prodotta kemm minn naħa tal-Prosekuzzjoni kif ukoll minn naħa tad-difiza, jirriżulta ċar u tond illi huwa ma kellu bżonn ta' ebda awtoriżazzjoni mis-soċjeta GO

sabiex jaċċessa s-sistema ta'l-*online directory* tagħha. Lanqas il-*mens rea* meħtieġ ghal kummissjoni tar-reat li dwaru ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti ma ġie stabbilit mill-provi u dan għaliex kif dikjarat mill-appellant stess ma kienx fl-interess tiegħu li jattakka s-sistema tal-GO Plc. Ġaldarba huwa ma kellu bżonn ta' ebda awtoriżazzjoni sabiex jikseb aċċess għal din id-*data,* tant illi l-Ewwel Qorti illiberatu mit-tieni imputazzjoni, huwa lanqas allura ma seta' jinstab ħati tal-ewwel akkuża billi l-informazzjoni kontenuta fl-*online directory* hija waħda fid-dominju pubbliku. Fl-aħħarnett, l-appellant jilmenta ukoll mill-fatt li fl-istadju bikri ta' dawn il-proċeduri, il-Pulizija naqqsu milli jinfurmawh li għandu dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni kif ukoll li għandu dritt li jibqa' sieket u ma jweġibx għall-mistoqsijiet magħmulin lilu, sabiex dak kollu minnu mistqarr meta mitkellem l-ewwel darba mill-investigaturi jikkostitwixxi prova inammissibbli.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-proċeduri odjerni jittrattaw l-allegat abbuż mill-appellant ta'l-użu tad-direttorju telefoniku *online* appartenenti lis-soċjeta GO Plc. Jirriżulta li l-appellant xtaq iniżżel ammont sostanzjali ta' *data* mill-istess sistema, u minflok li għamel hekk bil-mod normali – u ċioe billi kull darba joqgħod jikteb l-informazzjoni li għandu bzonn jottjeni – ikkreja *computing script* sabiex jiffaċilita' l-proċess. Ġara iżda li dan wassal sabiex ikun hemm *degredation* tas-sistema tal-Go Plc, u kawza ta' hekk is-soċjeta soffriet danni finanzjarji.

Issa minn eżami tal-atti proċesswali u tal-provi hemmhekk ikkumpilati jirriżulta inkontestat illi l-appellant ma kien jenħtieġ ebda awtoriżazzjoni sabiex jaċċessa d-*data* maħżuna fl-*online directory* u allura għas-serviżż offrut mis-soċjeta GO. Fil-fatt jidher illi l-appellant għal diversi xhur kien ilu jaċċessa din id-*data* u dan mingħajr ebda problemi għalkemm jidher illi kien qed inizzel f'temp ta' qasir ħin informazzjoni sostanzjali. Illi mir-rapport tal-espert tal-informatika Dr. Martin Bajada jidher illi l-att materjali tar-reat allura kien jikkonsisti fl ' hekk imsejjaħ *DoS attack* jew inkella *Denial of Service attack*. Igħid hekk l-espert fir-relazzjoni tiegħu:

> **"Mill-istess spreadsheet jirriżulta li l-komunikazzjoni saret permezz tal-*protocol* HTTP fejn l-HTTP *query* tal-mittent minn fuq IP 213.165.168.4 kienet indirizzata lill-GO Telephone Directory bi tfittxija fuq kunjomijiet li jibdew bl-ittri (G), (H), (I) u (J).**
>
> **F'temp ta' ħmistax-il (15) sekonda l-istess mittent (IP213.165.168.4) bagħat mitejn u ħamsin (250) HTTP *queries*, sbatax (17) kull sekonda.**
>
> **Dan it-tip ta' attivita' fil-kamp teknoloġiku huwa magħruf bħala *DOS attack*.**
>
> ***DOS attack* jirriżulta meta *internet connection* waħda, ekwivalenti għall-mittent wieħed f'dan il-każ, timmina sistema jew riżorsa predeterminata. Huwa diffiċli li twaqqaf dan it-tip ta' attack peress li huwa diffiċli li tagħmel distinzjoni bejn traffiku leġittimu u attack fuq sistema jew riżorsi."**

Issa l-appellant ġie mixli u misjub ħati tar-reat imfassal fl-Artikolu 337Ċ tal-Kodiċi Kriminali dwar l-użu ħazin tal-kompjuter jew kif inhuma komunement imsejjaħ r-reati dwar "*Computer misuse*", u speċifikatament bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 337Ċ(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali li jiddisponi hekk –

> **(1) Persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu –**
>
> **(a) tuża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk ...**

Illi minn qari ta' dan is-sub-inċiż għall-artikolu 337Ċ huwa indubitat illi huwa n-nuqqas ta' awtoriżazzjoni li huwa l-element ewlieni li joħloq ir-reat, awtoriżazzjoni li jrid neċessarjament jemani mill-"persuna intitolata" li jkollha is-setgħa u l-jedd tikkontrolla l-attivitajiet li telenka l-ligi fl-artikolu 337Ċ. Illi l-leġislatur ħaseb ukoll biex jissanzjona l-att materjal li huwa deskritt fil-liġi ingliza bhala "*unauthorised use of authorised access*" u allura tirriżulta l-ħtija meta l-awtur tar-reat, għalkemm awtoriżżat, jikseb aċċess sabiex jottjeni informazzjoni għal uzu ħazin jew skopijiet mhux leġittimi[1].

Illi, mill-provi prodotti jirriżulta bla *ombra* ta' dubbju, li s-sistema tal-informatika li l-appellant aċċessa, u ċioe dik appartenenti lis-soċjeta Go Plc, kienet waħda li tinsab fid-

[1] Ara decizjonijiet DPP vs Bingell u DPP vs Allison.

dominju pubbliku, u ċioe' waħda li hija aċċessibbli għall-pubbliku in ġenerali, mingħajr restrizzjonijiet. Dan ikkonfermatu Charmaine Galea Triganza[2] fil-vesti tagħha ta' *Fraud Prevention Officer* fi ħdan is-soċjeta' kwerelanti li xehdet li l-aċċess għad-direttorju telefoniku tagħhom huwa wieħed liberu. Xehdet ukoll li l-istess direttorju telefoniku huwa "*public domain*" u li l-pubbliku jista' jidħol fih u ma hemmx bzonn *passwords* sabiex dan isir – "*huwa servizz b'xejn*". Ukoll, ikkonfermat li ma jissetjawx limitu ta' *data* li wieħed jista' jottjeni mill-istess sistema. *In oltre*, Hubert Micallef[3], fil-vesti tiegħu ta' *Information Security Specialist* fi ħdan is-soċjeta' kwerelanti kkonferma ukoll li s-sistema in kwistjoni qegħdha fid-dominju pubbliku sabiex tintuza mill-pubbliku in ġenerali, u ikkonferma ukoll li ma hemmx limitu ta' *data* li wieħed jista' jnizzel. Dan huwa kkorroborat ukoll minn dak li xehed li-istess appellant[4] fejn qal li huwa ċempel lill-*Customer Care* tas-soċjeta Go Plc darbtejn, fejn meta talabhom direzzjoni dwar kif seta' jnizzel id-*data* li kellu bżonn, huma dejjem iddireġuh sabiex juza l-*online directory* tagħhom sabiex jagħmel dan. L-appellant għalhekk mogħti din id-direzzjoni jibda jaċċessa u iniżżel d-*data* mill-*online directory* b'mod kontinwu, voluminuż u ininterrott, tant illi is-sistema ġiet literallment inondata *b'information requests* biex b'hekk dan wassal għad-deġenerazzjoni tagħha, u dan kif jirriżulta mir-rapport ta' Dr. Martin Bajada, mix-xiehda tar-rappreżentanti tas-soċjeta GO, u *ex admissis* mill-appellant stess. L-appellant finalment mgħarraf b'din il-problema xortawaħda jibqa' iniżżel din id-*data* għalkemm b'inqas veloċita'.

Illi stabbiliti dawn ir-riżultanzi proċesswali huwa indubitat li l-appellant ġie mixli u misjub ħati taħt dispożizzjoni tal-liġi żbaljata. Illi wara l-promulgazzjoni tal-liġi marbut mal-użu ħazin tal-kompjuter, kif immodellata fuq il-*Computer Misuse Act 1990* tal-Ingilterra, l-leġislatur ħaseb biex jintroduċi dispożizzjonijiet ġodda biex jaħsbu għal użu ħażin ieħor ta' kompjuter *data* jew *software,* li bdew jizdiedu mal-avvanż tat-tekonologija, fost oħrajn 'l hekk ismejjha *DoS attacks*. Dan wassal sabiex saru tibdiliet għall-artikolu 337Ċ tal-Kodici Kriminali u dan permezz tal-Att VI tal-2020 li ra bdil fis-sub-inċiz (e) għall-artikolu 337Ċ(1) u imbagħad bl-Att VIII tal-2015 li ra l-

---

[2] *A folio* 58 *et seq* tal-Atti Proċesswali.
[3] *A folio* 67 *et seq* tal-Atti Proċesswali.
[4] *A folio* 129 *et seq* tal-Atti Proċesswali.

introduzzjoni tal-artikolu 337C(1)(ee). Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi jipprovdu hekk:

**(1) Persuna li mingħajr awtoriżżazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu:**

**(e) tipprevjeni jew tostakola l-funzjonament jew t-tħaddim ta' xi sistema ta' computer, software jew l-integrità jew affidabilità ta' xi data;**

**(ee) tfixkel jew tinterrompi l-funzjonament ta' sistema tal-informatika, billi tiddaħħal data fil-computer, billi tittrassmetti, tagħmel ħsara, tħassar, tiddeterjora, tibdel jew iżżomm lura data bħal din jew billi tirrendiha inaċċessibbli;**

Illi allura għalkemm l-awtur tar-reat jista' jkollu l-awtorizazzjoni sabiex jaċċessa is-sistema, kif ingħad, madanakollu huwa ma jistax jagħmel użu ħażin minn dan l-aċċess sabiex jikkometti ir-reati maħsuba fis-sub-inciż (e) u (ee) li jwasslu sabiex jimminaw jew inkella jiddegradaw is-sistema sħiħa diġitali tal-persuna intitolata u dan b'mod malizzjuż.

> *"A **Denial-of-Service (DoS) attack** is an attack meant to shut down a machine or network, making it inaccessible to its intended users. DoS attacks accomplish this by flooding the target with traffic, or sending it information that triggers a crash. In both instances, the DoS attack deprives legitimate users (i.e. employees, members, or account holders) of the service or resource they expected.*
>
> *Victims of DoS attacks often target web servers of high-profile organizations such as banking, commerce, and media companies, or government and trade organizations. Though DoS attacks do not typically result in the theft or loss of significant information or other assets, they can cost the victim a great deal of time and money to handle.*
>
> *There are two general methods of DoS attacks: flooding services or crashing services. Flood attacks occur when the system receives too much traffic for the server to buffer, causing them to slow down and eventually stop. Popular flood attacks include:*
>
> - ***Buffer overflow attacks** – the most common DoS attack. The concept is to send more traffic to a network address than the programmers have built the system to handle. It includes the attacks listed below, in addition to others that are designed to exploit bugs specific to certain applications or networks*
> - ***ICMP flood** – leverages misconfigured network devices by sending spoofed packets that ping every computer on the targeted network, instead of just one specific machine. The network is then triggered to amplify the traffic. This attack is also known as the smurf attack or ping of death.*

- *SYN **flood** – sends a request to connect to a server, but never completes the **handshake**. Continues until all open ports are saturated with requests and none are available for legitimate users to connect to.*[5]*"*

Illi allura l-azzjoni ntentata mill-Prosekuzzjoni f'dan il-każ ma setatx tirnexxi fuq żewġ binarji. Ibda biex l-appellant ġie akkużat taħt dispożizzjoni tal-liġi żbaljata u għalhekk l-azzjoni kriminali tfalli mit-twelid tagħha. Fi kwalunkwe każ, il-Prosekuzzjoni, imbagħad kien jinħteġielha tipprova illi ma kienx hemm l-awtorizazzjoni meħtieġa jew inkella li għalkemm seta' kien hemm dik l-awtorizazzjoni, sar użu ħażin u dan b'mod doluż mill-awtur tar-reat, bl-att materjali jinkwadra ruħu f'wieħed mill-azzjonijiet maħsuba fis-sub-inċiż (e) u/jew (ee). F'dan il-każ l-ebda wieħed minn dawn ix-xenarji ma jirriżulta mill-atti sabiex b'hekk l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet issib ħtija fil-konfront tal-appellant għar-reat maħsub fis-sub-inċiż (a) għall-artikolu 337Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali billi l-elmenti meħtieġa għal fini ta' reita' ma kenux jissussistu.

Illi magħmula dawn il-konkluzjonijiet il-Qorti mhijiex ser tinoltra ruħha fl-aggravji l-oħra imqanqla mill-appellant.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

**i) Tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellant Tony Sammut mit-tieni mputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, u**

**ii) Tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant Tony Sammut ħati tal-ewwel imputazzjoni u minflok tgħaddi biex tilliberah mill-istess.**

**Għalhekk tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

[5]https://www.paloaltonetworks.com/cyberpedia/what-is-a-denial-of-service-attack-dos